**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 23/14VG**

**Tracey Azzopardi**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)**

**Illum 3 ta' Lulju 2020**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Tracey Azzopardi fis-17 ta' Frar 2014 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jikkanċella u jirrevoka l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodi ta' taxxa 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10 u 01.09.10-30.11.10;

Ra l-ittra datata 27 ta' Jannar 2014 indirizzata lir-Rikorrent u l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10 u 01.09.10-30.11.10 annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 8 tal-proċess;

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10 u 01.09.10-30.11.10 u filwaqt li in linea preliminari jinvoka l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ in eżami, fil-mertu jitlob li l-appell jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, stante li il-likwidazzjonijiet ta' taxxa magħmula minnu huma ġusti u jistħoqqilhom konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "K1" a fol. 17 sa' 33 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014[1] il-partijiet kontendenti qablu li qabel ma' t-Tribunal jittratta l-appell fil-mertu, jagħti deċiżjoni fir-rigward ta' l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud);

Sema' x-xhieda ta' Denise Said, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2014[2] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "DS" a fol. 47 sa' 56 tal-proċess u sema' x-xhieda ta' Chris Spiteri, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu u 2015[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CS" a fol. 58 sa' 60 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015[4], id-difensur tar-Rikorrent iddikjara li r-Rikorrent ma għandux provi x'jressaq fir-rigward ta' l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta iżda żamm ferm li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi relattivament għall-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata minnu;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta ħames stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodi ta' taxxa 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10 u 01.09.10-30.11.10[5], permezz ta' liema qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €15,366.41 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma ta' €3,073.29 rappreżentanti penali amministrattivi u s-somma ta' €1,999.11 rappreżentanti imgħaxijiet, komplessivament ammontanti għal **€20,438.81**. Huwa jitlob li l-imsemmija stimi jiġu kkanċellati u revokati u jibbaża l-appell tiegħu fuq is-segwenti żewġ aggravji: (i) *l-istejjem u l-ittra li takkumpanjahom ma fihom l-ebda raġuni għaliex id-Direttur Ġenerali ma aċċettax l-ammonti denunzjati mir-Rikorrent;* u (ii) *mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istejjem huma invalidi fil-fatt u fid-dritt*[6].

Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10 u 01.09.10-30.11.10 u jitlob li l-istess jiġi miċħud. In linea preliminari l-Kummissarju tat-Taxxi jinvoka l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ in eżami stante li *l-appellant, għal raġunijiet li jaf hu biss, baqa' inadempjenti fir-rigward tat-talbiet leġittimi ta' l-appellat. L-esponenti kien talbu sabiex jippreżenta d-dokumentazzjoni kollha li kienet mitluba minnu. Dan l-*

[1] Fol. 43 tal-proċess.
[2] Fol. 46A u 46B tal-proċess.
[3] Fol. 61 u 61a tal-proċess.
[4] Fol. 63 tal-proċess.
[5] Fol. 4 sa' 9 tal-proċess.
[6] Rikors promotur, fol. 1 u 2 tal-proċess.

*appellant baqa' ma għamlux minkejja numru ta' korrispondenza varja da parti ta' l-esponent. Huwa minħabba dan in-nuqqas flagranti ta' ko-operazzjoni li l-esponenti jirrileva li hemm dak kollu propost biex jiskattaw id-dettami ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta …* [il-Kummissarju] *m'għandux ikun inkolpat bi kwalunkwe ħtija għan-nuqqas lampanti min-naħa ta' l-appellant. Kif ġa ngħad l-appellant naqas milli jissottometti d-dokumenti meħtieġa. Ma għandhiex titwaħħal il-ħtija minn fuq, għal dan l-aġir irresponsabbli, wara bieb l-esponenti. Imputet sibi u għandu jerfa' ir-responsabbilità kollha li din iġġib magħha. Dura lex sed lex*[7]. Il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi ulterjorment li l-appell tar-Rikorrent għandu jiġi miċħud fil-mertu stante li l-aggravji ta' l-appell tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi: (i) ma huwiex minnu li l-kreditu għal *input tax* reklamat mir-Rikorrent fid-denunzji tat-taxxa tiegħu għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni ġie ikkanċellat bla ġustifikazzjoni valida fil-Liġi. Ir-Rikorrent għadu sal-ġurnata ta' llum baqa' ma ssottomettiex id-dokumentazzjoni lilu mitluba għall-fini tal-verifika tal-kreditu għal *input tax* minnu reklamat. Il-verifika fil-konfront tar-Rikorrent damet ben sena qabel ma ngħalqet u xorta tul dan il-perijodu r-Rikorrent ma ssottomettiex id-dokumentazzjoni mitluba lilu. Apparte minhekk, għalkemm talab Review ta' l-istimi proviżorji maħruġa fil-konfront tiegħu r-Rikorrent lanqas irrisponda għall-ittra mibgħuta lilu mir-Review Officer; (ii) ma huwiex minnu li r-Rikorrent ma ingħatax raġuni għalfejn il-kreditu għal *input tax* minnu reklamat ma ngħatax. Dan kien kollu spjegat mal-ħurġ ta' l-istimi proviżorji fil-konfront tar-Rikorrent; (iii) id-dritt għal kreditu għal *input tax* ma huwiex dritt awtomatiku imma huwa regolat bil-Liġi senjatament bl-Artikolu 22 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-Partita 2 ta' l-Għaxar Skeda ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa r-Rikorrent li baqa' ma issosstanzjax il-krediti għal *input tax* minnu reklamat u pretiż in kwantu baqa' ma ippreżentax id-dokumentazzjoni minnu mitluba mingħand id-Dipartiment; u (iv) ma huwiex minnu li l-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent huma invalidi fil-fatt u fid-dritt.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014, il-partijiet kontendenti qablu li qabel ma t-Tribunal jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu, jittratta l-ewwel u jiddetermina l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi. Għaldaqstant, b'din is-sentenza qed tiġi trattata u deċiża biss l-imsemmija eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi.

L-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4)* - sitt snin minn tmiem is-sena li d-dokumenti mitluba jkollhom x'jaqsmu magħha - *jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti , konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom: Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-mitkub, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħallas tipproduċi dik id-*

[7] Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) a fol. 12 sa' 16 tal-proċess.

*dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja: Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Dak li proprjament qed jinvoka l-Kummissarju tat-Taxxi fil-każ in eżami hija l-applikazzjoni ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment però japplika biss jekk jirriżulta li: (i) il-Kummissarju jkun, permezz ta' avviż bil-miktub, talab lit-*taxpayer* jipproduċi dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa għall-finijiet tal-verifika/investigazzjoni li tkun qed issir fil-konfront tiegħu; (ii) it-talba ssir mhux iktar tard minn sitt snin minn tmiem is-sena li għaliha jirreferu d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika mitluba; u (iii) it-taxpayer ikun, mingħajr skużanti raġonevoli, naqas milli jipproduci d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika mitluba minnu sa' żmien tletin ġuranta mid-data tan-notifika ta' l-avviż.

Mill-provi prodotti, senjatament mill-Credit Control Report esebit bħala Dok. "E" a fol. 22 tal-proċess, jirriżulta li skattat verifika fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.09.0-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10 u 01.09.10-30.11.10 u dana għall-fini ta' *verification of services and overheads. Credit Claims.* L-ewwel talba għad-dokumentazzjoni saret permezz ta' ittra datata 9 ta' Novembru 2012[8] fejn ir-Rikorrent ġie mitlub sabiex *għall-finijiet ta' l-artikolu 53 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, 1998, inti … tippreżenta l-kotba u dokumenti oħra tan-negozju tiegħek sabiex ikunu spejzzjonati minn uffiċjali tad-Dipartiment. Għaldaqstant, inti ġentilment mitlub tipprovdi d-dokumenti hawn taħt imsemmija: Il-kotba tax-xiri mill-01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.10, 01.03.10-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010, 01.09.2010-30.11.2010; Riċevuti u fatturi tat-Xiri għall-istess perijodi.* Din l-ittra ġiet debitament notifikata fl-14 ta' Novembru 2012[9]. It-tieni avviż inbagħat permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju 2013[10] u r-Rikorrent mill-ġdid intalab jipproduċi: *Il-kotba tax-xiri mill-01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.10, 01.03.10-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010, 01.09.2010-30.11.2010; Riċevuti u fatturi tat-Xiri għall-istess perijodi.* Din l-ittra ukoll ġiet debitament notifikata fis-26 ta' Mejju 2013[11]. It-tielet u l-aħħar avviż inbagħat permezz ta' ittra datata 3 ta' Lulju 2013[12] u r-Rikorrent reġa ntalab jipproduci: *Il-kotba tax-xiri mill-01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.10, 01.03.10-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010, 01.09.2010-30.11.2010; Riċevuti u fatturi tat-Xiri għall-istess perijodi.* Din l-ittra wkoll ġiet debitament notifikata fil-21 ta' Awwissu 2013[13].

Minn dan kollu appena osservat jirriżulta li t-talba/talbiet tal-Kummissarju għall-produzzjoni ta' dokumentazzjoni pertinenti għall-verifika li kienet qed issir fil-

---

[8] Dok. "DS' a fol. 47 tal-proċess.
[9] Fol. 48 tal-proċess.
[10] Fol. 49 tal-proċess.
[11] Fol. 50 tal-proċess.
[12] Fol. 53 tal-proċess.
[13] Fol. 54 tal-proċess.

konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.09.09-30.11.10 saret/saru bil-miktub u entro t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tas-sena li għaliha tirreferi l-imsemmija dokumentazzjoni. Nonostante d-diversi talbiet li saru r-Rikorrent baqa' ma pproduċiex id-dokumentazzjoni mitluba mill-Kummissarju bil-konsegwenza għalhekk li fis-17 ta' Ottubru 2013 ġie konkluż il-Credit Control Report fil-konfront tiegħu fejn essenzjalment ġie rakkomandat li *input VAT claimed in the above-mentioned tax periods* (01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.10, 01.03.10-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010 u 01.09.2010-30.11.2010) *amounting to €15,366.41 should be deducted in line with Item 2 Part 2(a)(i) and (c) of the Tenth Schedule of the VAT Act*[14].

Fir-rigward tar-reazzjoni tar-Rikorrent għall-avviżi mibgħuta lilu fid-9 ta' Novembru 2012, fit-8 ta' Mejju 2013 u fit-3 ta' Lulju 2013, Denise Said, waħda mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkarigati mill-verifika fil-konfront tar-Rikorrent, iddikjarat: *mela l-file ta' Tracey Azzopardi ġie għandi għall-credit control minħabba li jkun talab refunds fuq servizzi u spejjeż. Kont bgħattlu l-avviżi kif nibgħatu s-soltu, l-ewwel, it-tieni u t-tielet u response mingħandu qatt ma kelli u l-purchases ledgers li jiena tlabt qatt ma waslu għandi, b'hekk kellu jinħareġ il-provisional assessment biex naqtagħlu r-refund li jkun talab.* Għall-mistoqsija *Ms. Said, fatturi ġablek?* Denise Said wieġbet *xejn* u għall-mistoqsija ulterjuri *qed tgħid li ma ġablek xejn, tak xi spjegazzjoni għalfejn ma ġablek xejn?* hija wieġbet *spjegazzjoni xejn, prattikament rispons qatt ma kelli migħandu dan it-taxpayer*[15].

Ir-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova li tista' turi li huwa kellu skużanti raġonevoli għan-nuqqas tal-produzzjoni tad-dokumentazzjoni lilu mitluba mill-Kummissarju biex b'hekk jevita l-applikazzjoni ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tiegħu, anzi waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015[16] id-difensur tiegħu iddikjara li r-Rikorrent ma għandux provi xi jressaq għall-eċċezzjonia tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal kull buon fini jiġi rilevat ukoll illi għalkemm inżamm ferm id-dritt li titressaq Nota ta' Sottomissjonijiet relattivament għal din l-eċċezzjoni, tali Nota da parte tar-Rikorrent baqgħet qatt ma ġiet ippreżentata.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-Tribunal ma għandux triq oħra għajr li jilqa' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentement jipprojbixxi lir-Rikorrent milli jressaq id-dokumentazzjoni lilu mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-finijiet tal-verifikafil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa mill-01.09.10-30.11.10, u minnu mhux prodotti.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u b'applikazzjoni ta' l-ewwel *proviso* ta' l-imsemmi subartikolu tal-Ligi jiddikjara li d-dokumentazzjoni mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi minghand Rikorrent għall-finijiet tal-verifika fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa mill-01.09.10-30.11.10 u li ma gietx minnu provduta u prodotta, ma tistax tigi minnu prodotta w esebita f'dawn il-proceduri.

[14] Dok. "E" fol. 22 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2014, fol. 46A u 46B tal-proċess.
[16] Fol. 63 tal-proċess.

It-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu u jirriserva li jipprovdi dwar l-ispejjez fid-decizjoni finali dwar il-mertu.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**